## Il-Ħadd, 30 ta' Awwissu 2020

Ġesù beda juri lid-dixxipli tiegħu
li kien meħtieġ għalih
li jmur Ġerusalemm,
isofri ħafna mix-xjuħ
u l-qassisin il-kbar u l-kittieba,
joqtluh, u fit-tielet jum iqum.
Pietru ġibdu lejh
u beda jlumu u jgħidlu:
"Allaħares, Mulej!
Ma jkun qatt
li dan jgħaddi minn għalik!"
Iżda Ġesù dar u qal lil Pietru:
"Itlaq minn quddiemi, ja xitan!
Int tfixkil għalija,
għax m'intix tqis il-ħwejjeġ ta' Alla,
imma qiegħed taħsibha
ta' bniedem li int!"

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 16, versi 21-23***

# 187

"Li nistqarru lil Ġesù jfisser
li naċċettaw it-triq li l-Missier
għażel għal Ibnu: l-umiljazzjoni ...
Jekk ma naċċettawx it-triq
ta' Ġesù - it-triq tal-umiljazzjoni
li Hu għażel biex isalvana -
mhux biss ma nkunux insara,
iżda jkun jistħoqqilna dak li Ġesù
qal lil Pietru: 'Itlaq minn quddiemi,
ja xitan!' Satana jaf tajjeb li Ġesù
hu l-Iben ta' Alla; imma Ġesù,
din l-istqarrija tiegħu jirrifjutaha
bl-istess mod li jbiegħed minnu
lil Pietru li kien qed jagħżel triq li
ma kinitx dik magħżula minn Ġesù."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 20 Frar 2020

*Fija*
*hemm*
*xi attitudni*
*li teħodha*
*kontra*
*l-mentalità*
*ta' Alla?*

*Għalija,*
*is-salib ta' Kristu*
*huwa biss*
*oġġett*
*ta' devozzjoni*
*jew ta' tiżjin?*

# Meta lil Alla tiskandalizzaH!

Iva, Mulej, niskandalizzaH lil Alla Missierek
meta nagħmel reżistenza għall-pjanijiet tiegħu;
meta nippretendi
li Hu għandu jisma' minn dak li ngħidlu jien
dwar kif isalvah lill-bniedem u minn xiex;
meta nħajru jagħmel tiegħu l-kriterji tad-dinja
biex din l-istess dinja tgħid 'iva' għal imħabbtu.
Iva, niskandalizzah lil Alla Missierek
meta lilek nisfigurak
u ma nħallikx tkun skont is-sura tal-Evanġelju;
meta lilek inwarrbek mit-triq tal-umiljazzjoni.
Erfagħni, Mulej, minn dan kollu
- jien ma rrid niskandalizza lil ħadd,
wisq inqas lilek.
Ħallini nagħraf li huwa jien li - bħal Pietru -
għadni niskandalizza ruħi mis-salib!

## It-Tnejn, 31 ta' Awwissu 2020

Ġesù ġie Nazaret fejn kien trabba. Daħal fis-sinagoga tagħhom, kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt, u qam biex jaqra. Tawh f'idejh il-ktieb ta' Isaija l-profeta, fetħu u sab fejn kien hemm miktub dan li ġej: "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, irrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar is-sena tal-grazzja tal-Mulej." Imbagħad raġa' għalaq il-ktieb, tah lura lill-qaddej u qagħad bilqiegħda ... U beda jgħidilhom: "Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu."

*Mill-Evanġelju skont San Luqa,*
*kapitlu 4, versi 16-20a. 21*



"Ġesù jindirizza l-Bxara t-Tajba
lil kulħadd, ħadd eskluż; anzi
jipprivileġġja lill-aktar imbiegħda,
lill-batuti, lill-morda,
lil dawk skartati mis-soċjetà.
Li tevanġelizza lill-foqra jfisser
li nersqu lejhom;
ifisser li nfittxu l-ferħ fil-qadi
li nagħtuhom; ifisser li neħilsuhom
mill-jasar tagħhom, u dan kollu
f'isem u bl-Ispirtu ta' Kristu,
għax huwa Hu nnifsu
l-Evanġelju ta' Alla, il-Ħniena t'Alla,
il-ħelsien ta' Alla; huwa Hu li ftaqar
biex jagħnina bil-faqar tiegħu."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 24 Jannar 2016

*Lil Kristu*
*nħallih iwettaq*
*l-missjoni*
*ta' liberazzjoni*
*fija?*

*Kemm*
*qed nissieħeb*
*f'din*
*l-istess missjoni*
*tiegħu?*

# Fuq missjoni

Dawk li jeħtieġu l-ħelsien tiegħek, Mulej,
huma bla għadd.
Imma lkoll kemm huma
għeżież ħafna għalik,
wieħed wieħed u waħda waħda.
Hekk ukoll tridhom li jkunu għal min jimxi warajk.
F'ismek u bl-Ispirtu tiegħek
Inti ssejħilna
għal din il-ħidma ta' ħelsien magħhom.
Tħalliniex noqogħdu lura minn din il-missjoni
minħabba l-limitazzjonijiet tagħna,
minħabba d-dgħufijiet tagħna,
minħabba l-istess faqar tagħna.
Hemm is-saħħa tas-Sagramenti tal-Magħmudija
u tal-Griżma tal-Isqof li rċevejna
li tagħmel tajjeb!

## It-Tlieta, 1 ta' Settembru 2020

Ġesù niżel Kafarnahum, belt tal-Galilija, u f'jum is-Sibt qagħad jgħallem lin-nies, li baqgħu mistagħġba bil-mod tat-tagħlim tiegħu, għax id-diskors tiegħu kien ta' wieħed li għandu s-setgħa. U kien hemm raġel fis-sinagoga li kellu fih spirtu ta' xitan imniġġes, u qabad jgħajjat b'leħen għoli: "Ah! X'għandna x'naqsmu, Ġesù ta' Nazaret? Ġejt biex teqridna? Jiena naf min int: il-Qaddis ta' Alla!" Imma Ġesù widdbu bis-sħiħ u qallu: "Iskot, u oħroġ minnu!" Imbagħad l-ispirtu xeħtu fin-nofs u ħareġ minnu bla ma għamillu ħsara. U kulħadd stagħġeb.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 4, versi 31-36a***

**189**

"Ix-xitan jgħid il-verità: Ġesù ġie biex jeqred lix-xitan, biex jegħlbu... Ġesù hu l-Imgħallem tagħna, qawwi fil-kliem u fl-għemejjel. Jagħtina d-dawl kollu li jdawwal it-toroq - xi drabi mudlama - tal-eżistenza tagħna; iwasslilna wkoll il-qawwa meħtieġa biex negħlbu d-diffikultajiet, il-provi, it-tentazzjonijiet. Kemm hi kbira l-grazzja li għandna li nsiru nafu lil dan Alla, tant setgħan u tant twajjeb: mgħallem u ħabib, li jurina t-triq u li jieħu ħsiebna, l-iżjed meta nkunu ninsabu fil-ħtieġa."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 28 Jannar 2018

# Il-kelma li xxejjen

*Lil min*
*qed inħalli*
*li jirbaħ*
*fil-ħajja tiegħi:*
*lill-Ispirtu ta' Alla*
*jew lil xi spirtu*
*ieħor?*

*Il-Kelma*
*ta' Kristu,*
*x'piż*
*qed nagħtiha?*

Mulej,
Inti li tagħmilha magħna l-bnedmin
biex tlaqqamna dejjem mill-ġdid
bl-Ispirtu Qaddis tiegħek,
ma tistax ma teħodhiex bil-qawwa kollha
kontra dak li jagħmel minn kollox
biex iġib fix-xejn
din il-ħidma tiegħek fina.
Huwa Int, allura, li ssikket lil kull spirtu mniġġes;
huwa Int li ġġibu fix-xejn.
Kompli għidha, Mulej,
dik il-kelma tiegħek mimlija setgħa;
kompli għidha
kull fejn hemm xi ħadd li jħossu mitluf,
kull fejn hemm xi ħadd li jħossu mjassar,
kull fejn hemm xi ħadd li jħossu megħlub.

## L-Erbgħa, 2 ta' Settembru 2020

Omm il-mara ta' Xmun kellha fuqha deni qawwi, u talbu lil Ġesù jgħinha. Resaq fuqha, ordna lid-deni, u d-deni ħallieha. U minnufih qamet u bdiet isservihom. Hija u nieżla x-xemx, dawk kollha li kellhom il-morda, kien x'kien il-mard tagħhom, ħaduhomlu quddiemu. Hu qiegħed idejh fuq kull wieħed minnhom u fejjaqhom ... Meta sebaħ, ħareġ u mar f'post imwarrab. In-nies bdew ifittxuh u marru ħdejh u riedu jżommuh biex ma jitlaqx minn ħdejhom. Iżda hu qalilhom: "Jeħtieġli nxandar l-Evanġelju tas-Saltna ta' Alla lill-ibliet l-oħra wkoll, għax għalhekk kont mibgħut."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 4, versi 38b-40. 42-43***

# 190

"Il-Vanġelu ma jipproponix biss relazzjoni personali ma' Alla. U t-tweġiba tagħna ta' mħabba m'għandniex nifhmuha bħala sempliċi ġabra ta' ġesti personali ċkejknin ma' xi ħadd fil-bżonn, li tista' tieħu l-bixra ta' '*karità à la carte*', serje ta' għemejjel bil-ħsieb biss li nserrħu l-kuxjenza tagħna. Il-proposta hi s-Saltna ta' Alla; hawn qed nitkellem dwar l-imħabba lejn Alla li jsaltan fid-dinja. Skont kemm Hu jsaltan fostna, il-ħajja soċjali ssir spazju ta' fraternità, ġustizzja, ta' paċi, ta' dinjità għal kulħadd."

PAPA FRANĠISKU, Eżortazzjoni Appostolika, *Evangelii Gaudium*, nru 180, 24 Novembru 2013

*Is-Saltna ta' Alla x'post għandi għaliha?*

*Kemm inħalliha taffettwani fil-ħajja konkreta tiegħi?*

# Iktar ma tagħmel wisa'

Iktar ma nagħmlulek wisa', Mulej,
iktar nagħrfu min Inti tassew.
Iktar ma nagħmlulek wisa',
iktar nagħrfu min aħna tassew.
Iktar ma nagħmlulek wisa'
iktar insibu lilna nfusna b'mod sħiħ.
Iktar ma nagħmlulek wisa'
iktar inħarsu lejn l-oħrajn b'mod sħiħ.
Iktar ma nagħmlulek wisa'
iktar jitnisslu fostna ambjenti ta' paċi.
Iktar ma nagħmlulek wisa'
iktar jikber ir-rispett veru
lejn id-dinjità ta' kull bniedem.
Ħa nagħmlulek wisa', Mulej,
f'kulma naħsbu, f'kulma ngħidu,
u f'kulma nagħmlu.

## Il-Ħamis, 3 ta' Settembru 2020

Meta temm li kellu jgħid,
Ġesù qal lil Xmun:
"Aqdef 'il barra fil-fond,
u kalaw ix-xbiek tagħkom
għas-sajd." Wieġbu Xmun:
"Mgħallem, għamilna lejl sħiħ
nitħabtu u ma qbadna xejn.
Imma, la qiegħed tgħid int,
ħa nkala x-xbiek." Hekk għamlu,
u qabdu kotra hekk kbira ta' ħut
li x-xbiek tagħhom kien għoddu
nqasam ... Xmun Pietru, kif ra dan,
inxteħet f'riġlejn Ġesù u qallu:
"Tbiegħed minni, Mulej, għaliex
jiena raġel midneb." ... Imbagħad
Ġesù qal lil Xmun: "Tibżax; minn
issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 5, versi 4-6. 8.10b***



"Il-post privileġġjat għal-laqgħa
ma' Ġesù hu d-dnubiet tagħna ...
Pietru, din l-esperjenza jagħmel:
jara l-qawwa ta' Ġesù
u jara lilu nnifsu ... Jekk in-nisrani
ma jħossx li hu midneb u salvat
mid-Demm ta' Kristu Msallab,
dan ikun nisrani ta' nofs kedda.
Il-qawwa tal-ħajja nisranija
u l-qawwa tal-Kelma t'Alla
tinsab propju f'dak il-mument
fejn jiena, midneb, niltaqa' ma'
Ġesù, u dik il-laqgħa tibdilli ħajti,
u tagħtini l-qawwa biex inħabbar
is-salvazzjoni lill-oħrajn."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 4 Settembru 2014

# Midneb salvat

*Kif inħares*
*jien*
*lejn dnubieti?*

*Lil Kristu*
*ndaħħlu*
*fihom?*

Dnubieti
- kbar kemm huma kbar -
lilek ma jdarsukx, Mulej,
anzi jġennuk biex tkun Salvatur!
Ħa jkunu huma
li jlaqqgħuni mal-fidwa
li Inti taf tagħti.
Ħa jkunu huma
li jġorruni lejn il-ħniena tiegħek.
Ħa jkunu huma
li jgħadduni f'idejn l-imħabba tiegħek.
Ħa jkunu huma
li jħeġġuni nxerred ma' kullimkien
il-ferħ tas-salvazzjoni tiegħek.
Ħa jkunu huma
li jxennquni għal ħwejjeġ kbar!

## Il-Ġimgħa, 4 ta' Settembru 2020

Il-Fariżej u l-kittieba tagħhom qalu lil Ġesù: "Id-dixxipli ta' Ġwanni sikwit isumu u joqogħdu jitolbu, u dawk tal-Fariżej ukoll, imma tiegħek jieklu u jixorbu!" U Ġesù qalilhom: "Jaqaw tistgħu ġġagħlu lill-ħbieb tal-għarus isumu sakemm l-għarus ikun għadu magħhom? Imma għad jasal iż-żmien meta l-għarus jeħduhulhom minn magħhom, u mbagħad isumu dakinhar." ... Qalilhom ukoll: "L-inbid il-ġdid ma jqegħduhx f'damiġġani qodma tal-ġild, għax inkella l-inbid il-ġdid jifqa' d-damiġġani, u jixtered hu u jintilfu d-damiġġani. Iżda nbid ġdid iqegħduh f'damiġġani ġodda."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 5, versi 33-35. 37-38***

# 192

"L-istil akkużatorju hu l-istil ta' dawk li jemmnu iżda li dejjem lesti biex jakkużaw lill-oħrajn. Huwa stil ta' min jippromovi l-ġustizzja b'mod fallut għax ma jindunax li dak hu l-istil tax-xitan. Il-Bibbja tiddeskrivi lix-xitan bħala 'l-akkużatur il-kbir', li dejjem ħsiebu biex jakkuża ... U min jgħaddi ħajtu jakkuża lill-oħrajn mhux nisrani tajjeb, mhuwiex damiġġana ġdida ... Jekk trid tkun taf liema hu l-istil nisrani - biex ma taqax fl-istil akkużatorju - aqra l-Beatitudnijiet. Dawn huma d-damiġġani l-ġodda."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 21 Jannar 2019

*Għal xiex ħsiebni fl-oħrajn jien?*

*Jien xi ħadd li nfittex il-ġustizzja b'mod fallut?*

# Il-ġustizzja b'mod fallut

Kemm ħsiebni fl-oħrajn, Mulej!
Li kieku dan nagħmlu biss u dejjem
b'interess ġenwin,
dil-ħaġa żgur li tberikha -
hija sejħa li Inti tagħmilli l-ħin kollu.
Imma jekk irrid inkun sinċier
irrid nammetti
li mhumiex ftit dawk id-drabi
li fihom nagħmel hekk
bħal wieħed li jkun għassa tal-oħrajn.
Imbagħad arani nogħxa nsib imqar l-iċken tarf
biex ikolli fuq xiex nakkuża lil dak li jkun.
Jonqosni naqra mhux ħażin, Mulej,
biex inkun damiġġana ġdida
li tkun tista' tilqa' l-inbid ġdid li huwa Int!
Imma għallinqas żommni f'din it-triq.

## Is-Sibt, 5 ta' Settembru 2020

Ġara li darba s-Sibt Ġesù kien għaddej minn għalqa miżrugħa, u d-dixxipli tiegħu bdew jaqtgħu s-sbul, ifarrkuh b'idejhom u jikluh. Xi wħud mill-Fariżej qalulhom: "Dan kif qegħdin tagħmlu dak li ma jiswiex nhar ta' Sibt?" Qabeż Ġesù u weġibhom: "Anqas dan ma qrajtu, x'għamel David meta ħadu l-ġuħ, huwa u dawk li kienu miegħu? Ma qrajtux kif daħal fid-dar ta' Alla u ħa l-ħobż tal-preżenza ta' quddiem il-Mulej, u kiel minnu hu u ta lil dawk li kienu miegħu, u madankollu ħadd ma kien jista' jiekol minnu ħlief il-qassisin biss?" U qalilhom: "Bin il-bniedem huwa sid is-Sibt ukoll."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 6, versi 1-5***



"It-triq li jgħallimna Ġesù hi l-oppost ta' dik tad-dutturi tal-liġi. It-triq li tieħu mill-imħabba lejn il-ġustizzja tressaqna lejn Alla. Iżda t-triq l-oħra - dik tal-ħarsien tal-liġi waħedha - tressaqna lejn li nsiru nies magħluqa. It-triq li mill-imħabba tieħu lejn l-għarfien u d-dixxerniment tressaqna lejn il-qdusija, lejn is-salvazzjoni, lejn il-laqgħa ma' Ġesù. It-triq l-oħra li fiha nħossuna nies ġusti għax nosservaw l-irqaqat tal-liġi, tpoġġina fi qdusija tad-dehra biss, u għalhekk mhijiex it-triq it-tajba."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 31 Ottubru 2014

*Fiex jien*
*fil-ħarsien*
*tad-dinjità*
*ta' kull bniedem?*

*L-imħabba*
*nħalliha tkun*
*il-mutur*
*ta' kif inġib ruħi*
*mal-oħrajn?*

# Li titlaq mill-imħabba

Hija l-imħabba, Mulej,
li tgħinna nqiegħdu kull ħaġa
fil-perspettiva proprja tagħha.
Hija l-imħabba li tagħti t-togħma vera lil kollox.
Hija l-imħabba
li quddiem il-bniedem u l-ħtiġijiet tiegħu
tassigura r-rispett ta' veru qabel kull ħsieb ieħor.
Hija l-imħabba li teħodna lil hemm
minn argumenti reliġjużi fjakki.
Hija l-imħabba
li ma tħalliniex naslu biex injassru lil xi ħadd
bi skuża ta' xi regola jew ta' xi liġi.
Hija l-imħabba li tagħmilna ġusti tassew.
Hija l-imħabba li tqegħedna fit-triq tal-qdusija.
Mulej, ma' kull nifs li nieħdu
agħtina doża qawwija biżżejjed ta' mħabba vera.